**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 15 ta' Marzu 2016**

**Rikors Numru 100/2014**

**Ikechukwu Stephen Egbo**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Ikechukwu Stephen Egbo**ipprezentat fid-29 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponent appellant kien applika lill-intimat appellat biex tiggeddidlu l-licenzja tieghu ta' Gwardjan Privat li kienet ser taghlaq fit-30 ta' Mejju 2014 u dan ghal sena ohra. Din l-applikazzjoni giet acknowledged mll-intimat appellat skont kif jirrizulta mir-ricevuta li nhargitlu u li kopja taghha qed tigi hawn annessa bhala Dok 'A'.*

*Illi b'ittra tal-25 ta' Lulju 2014, li giet notifikata lill-esponent appellant bl-idejn fit-30 ta' Settembru 2014, u dan kif jirrizulta minn ittra mahruga fit-30 ta' Settembru 2014 (kopja annessa bhala Dok. 'B'), l-intimat appellat informa lill-esponent appellant li t-talba tieghu ma setghetx tigi milqugha minhabba ragunijiet ta' interess pubbliku skont l-art. 10(b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta(kopja annessa bhala Dok. 'C').*

*Illi l-esponent ma qabilx mad-decizjoni tal-intimat appellat u ghalhekk qed jinterponi dan l-appell minnha lil dan it-Tribunal skond kif jiddisponi l-art. 11(3) tal- Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-aggravju tal-esponent hu wiehed car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej:*

1. *Illi minhabba fil-fatt li l-esponent appellant ma gie moghti l-ebda raguni ghar-rifjut tal-intimat appellant li jgediddlu l-licenzja ta' Gwardjan Privat ghajr dik tal-interess pubbliku, u li r-raguni ghaliha tinghata ufficcjalment waqt is-smigh ta' dan l-appell a tenur tal-art. 11(2) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta, hu jobsor li dan ir-rifjut sar minhabba fil-fatt li fil-prezent hemm proceduri kriminali pendenti kontra l-esponent appellant.*
2. *Illi la qed isir dan l-appell dan it-Tribunal hu nvestit ukoll biex jiddeciedi x'inhu u x'mhux ta' l-interess pubbliku.*
3. *Illi jekk ir-raguni ghar-rifjut jirrizulta li hi dik kif hawn fuq imsemmi (proceduri kriminali pendenti kontra l-esponent appellant) l-esponent appellant jixtieq umilment jissolleva s-segwenti punti ta' fatt u ta' dritt ghall-kunsiderazzjoni ta' dan it-Tribunal:*
    i. *Illi meta l-esponent appellant gie moghti l-licenzja ta' Gwardjan Privat ghall-ewwel darba mill-intimat appellat diga kien hemm l-istess proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu. Minn dakinhar sal-lum l-esponent appellant m'ghamel xejn, u ma gie akkuzat b'xejn, li jirrendi t-tigdid tal-licenzja tieghu ta' Gwardjan Privat bhala li jmur kontra l-interess pubbliku, hi x'inhi d-definizzjoni ta' interess pubbliku li tista' tinghata minn dan it-Tribunal. L-intimat appellat ma jistax joqghod jilghab. Jekk meta hareg il-licenzja originali (ossija l-ewwel licenzja) l-intimat appellat ma hassx li kien hemm ragunijiet ta' interess pubbliku biex jirrifjuta ma jistax issa jiddeciedi li ghandu ragunijiet ta' interess pubbliku biex jirrifjuta li jgeddidha.*
    ii. *Illi l-esponent appellant hu mizzewweg lill mara ta' nazzjonalita' Ungeriza, u ghalhekk hi membru tal-Unjoni Ewropeja, u ghalhekk, ghalkemm ta' nazzjonalita' barranija, l-esponent appellant ghandu d-dritt li jahdem f'Malta bhal u daqs kull cittadin ta' nazzjonalita' Maltija.*
    iii. *Illi b'konnessjoni mal-proceduri kriminali kontra tieghu, li qed jitmexxew mill-intimat appellat, u ghalhekk jaf bihom sa mill-bidunett taghhom, l-esponent appellant kien gie moghti l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom dik li hu ma jistax jitlaq minn dawn il-Gzejjer. Sabiex l-esponent appellant ikun jista' jghix b'mod dicenti f'dawn il-gzejjer l-esponent appellant jenhtieglu li jahdem u l-impjieg ta' Gwardjan Privat hu l-uniku xoghol li seta' isib adattat ghalih f'dawn il-Gzejjer. Kien ghalhekk li hu kien applika biex jinghata l-licenzja ta' Gwardjan Privat, u dan pendenti l-proceduri kriminali kontra tieghu, u wara li hu ghamel dak kollu minnu rikjest mill-intimat appellat, li kien qed imexxi l-proceduri kriminali kontra tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, hu nghata l-licenzja ta' Gwardjan Privat mill-istess intimat appellat. Oltre' dan, l-intimat appellat kien ukoll qabel mal-esponent appellant fit-talbiet tieghu lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja biex il-kundizzjonijiet tal-helsien tieghu mill-arrest, kemm ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' ffirmar fl-ghassa tal-Pulizija, jigu modifikati halli l-esponent appellant ikun jista' jahdem bhala Gwardjan Privat minghajr xkiel.*
    iv. *Illi kif diga nghad il-proceduri kontra l-esponent appellant inbdew u ghadhom qed jitmexxew mill-Pulizija Ezekuttiva u ghalhekk mill-intimat appellant. Illi bir-rifjut tieghu li jgedded il-licenzja ta' Gwardjan Privat lill-esponent appellant dan qed jaghmilha ta' Imhallef, Prosekutur u*

*Bojja fl-istess hin u dan meta l-esponent hu meqjus mill-ligi li hu innocent kif jibqa` hekk meqjus sakemm Qorti kompetenti tiddikkjarah hati u dan wara li jkun sarlu process skont il-ligi.*

4. *Illi ghalhekk ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija d-decizjoni tal-intimat appellat li ma jgeddidtx il-licenzja ta' Gwardjan Privat lill-esponent appellant kif minnu mitlub ghal ragunijiet ta' interess pubbliku hi wahda fallaci u ghalhekk m'ghandhiex issib il-konferma ta' dan it-Tribunal.*

*Ghaldaqstant l-esponent appellant filwaqt li jitlob li hu jkun jista' jgib il-provi kollha biex jissostanzja l-fatti hawn fuq imsemmija jitlob umilment u bir-rispett kollu li dan it-Tribunal ikun joghgbu li ghar-ragunijiet premessi u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu 'l quddiem fl-istadju orali ta' dan l-appell li jilqa' l-appell tal-esponent appellant billi fl-ewwel lok ihassar id-decizjoni tal-intimat appellat Kummissarju tal-Pulizija tal-25 ta' Lulju 2014 li ma jgediddtx il-licenzja ta' Gwardjan Privat tal-esponent appellant u billi fit-tieni lok jordna lill-intimat appellat Kummissarju tal-Pulizija biex dan igedded il-licenzja ta' Gwardjan Privat lill-esponent appellant kif talbu jaghmel l-istess esponent appellant."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 24 ta' Novembru 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *ILLI għal kull buon fini jingħad illi l-Kummissarju tal-Pulizija ġie notifikat bir-rikors fit-8 ta' April 2014 iżda għada ma saret l-ebda notifika ta' dan ir-rikors lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-**subartikolu 3 ta` l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta** u għalhekk it-terminu ta` għoxrin jum skond dan l-istess subartikolu għadu ma bediex jiddekorri ġialdarba ma saritx tali notifika;*

2. *ILLI preliminarjament jingħad illi fir-rikors promotur m'hemm l-ebda lista tax-xhieda indikata skond kif mitlub ai termini tal-**artikolu 15 (2)(d) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva - [Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta]** u għalhekk l-esponent jitlob li tiġi indikata lista tax-xhieda li ser jinġiebu mir-rikorrent fil-kawża odjerna;*

3. *ILLI l-esponent Kummissarju tal-Pulizija, jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana għaliex għal kuntlarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jagħtix il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent ai termini tal-artikolu 10 (b) tal-Kap 389, kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smigh ta' dan ir-rikors;*

4. *ILLI fil-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

    a) *Il-fatt li bhalissa hemm il-proceduri kriminali ghaddejjin fil-konfront tar-rikorrent iffisser li kien hemm suspett kbir, da parti tal-prosekuzzjoni, sabiex jibdew tali proceduri (kontra r-rikorrent) fir-rigward tat-traffikar tad-droga. Gwardjan Privat irid ikun persuna ta' karattru affidabbli u persuna akkuzata b'dan it-tip ta' reat ma tistax tigi fdata b'dan ix-xoghol meta l-proceduri kriminali li hemm*

*ghaddejjin kontrih waslu f'dan il-punt. Wiehed irid japprezza l-fatt li dan ix-xoghol jirrikjedi responsabbilta kbira u min jahdem ta' Gwardjan Privat jista' jintbaghat f'diversi postijiet tax-xoghol u hemmhekk hu irid ikollu l-fiducja ta' min qed jimpjegah. Minhabba l-proceduri kriminali li jinstabu pendenti bhalissa il-Kummissarju hass li huwa fl-interess kemm tal-pubbliku kif ukoll ta' min jimpjega lil Gwardjan Privat li ghalissa tigi sospiza l-licenzja tar-rikorrent sakem jintemmu l-proceduri kriminali li mhumiex fuq kollox ta' natura hafifa. Ghaldaqstant, il-Kummissarju ma setghax jaccetta li tinhareg il-licenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrenti sakem jintemmu dawn il-proceduri.*

b) *Id-dikjarazzjoni illi r-rikorrent hu mizzewweg lill mara ta' nazzjonalita Ungeriza u ghalhekk ghandu d-dritt li jahdem f'Malta bhal u daqs kull cittadin ta' nazzjonalita Maltija hija superfluwa f'dan il-kaz. Ir-rikorrent ma ggeditlux l-licenzja ta' gwardjan privat a bazi tal-proceduri kriminali li hemm pendenti kontra tieghu u mhux a bazi ta' diskriminazzjoni habba in-nazzjonalita tieghu. Din hija l-mod ta' kif jigu decizi l-applikazzjonijiet ta' Gwardjan Privat kollha u mhux biss fir-rigward tar-rikorrenti. Għalhekk l-esponenti qiegħed jiċħad dawn l-allegazzjonijiet fiergħa fl-intier tagħhom.*

c) *Illi oltre minn dan, ma jfissirx illi għax ma jistax jingħata liċenzja ta' gwardjan privat ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser* ***biss*** *illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat propju minħabba li gwardjan privat irid ikollu karattru affidabbli u responsabbli biex ikun kapaċi jagħmel dan it-tip ta' xogħol. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol u għalhekk s-sitwazzjoni tiegħu ma tistax titqies li hi tort tal-esponenti. Għalhekk l-esponenti qiegħed jiċħad dawn l-allegazzjonijiet fiergħa fl-intier tagħhom*

d) *Kull allegazzjoni illi l-Kummissarju tal-Pulizija qed jaghmilha ta' Imhallef, Prosekutur u Bojja bir-rifjut tieghu li jgedded il-licenzja ta' Gwardjan Privat hija infondata u insostenibbli stante illi fir-rigward tal-kawza odjerna d-diskrezzjoni tal-esponent hija sindikabbli skond il-ligi u prova ta' dan huma il-proceduri odjerni quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni Amministrattiva u fir-rigward tal-proceduri Kriminali li hemm fil-konfront tar-rikorrent, id-decizjoni tal-htija tieghu tispetta unikament lil Qorti indipendenti u imparzjali ta' kompetenza kriminali u ghaldaqstant l-esponenti qiegħed jiċħad dawn l-allegazzjonijiet fiergħa fl-intier tagħhom.*

5. *ILLI għalhekk l-esponent Kummissarju tal-Pulizija ħass illi persuna li ghandha proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu ma hix persuna idonea sabiex tagħmel ix-xogħol ta` gwardjan privat. Il-Kummissarju, wara li joħrog il-liċenzja, ma għandu l-ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjonijiet se jsib ruħu. Minħabba dan, gwardjan privat irid ikun persuna affidabbli u ta' karattru sod. Persuna akkuzata bil-lista ta' reati li kien akkuzat bihom ir-rikorrent zgur ma tistax titqies tali;*

6. *ILLI għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu ġustament li kellu jirrifjuta l-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat ai termini tal-* ***Artikolu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta****;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi u oħrajn li jistgħu jinġiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qiegħed bl-akbar rispett jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Sema' x-xhieda tal-Ispettur Ramon Mercieca[1], tar-rikorrent,[2] tal-Ispettur Dennis Theuma[3] u tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi,[4]

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 25 ta' Lulju 2014 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'referenza ghat-tigdid ghal-licenzja tieghek ta' Gwardjan Privat, ghandi ninfurmak illi t-talba ghat-tigdid ma tistax tigi milqugha minhabba ragunijiet ta' interess pubbliku skont l-Art. 10 (b) tal-Kap 389."*[5]

Illi t-Tribunal se jibda biex l-ewwel u qabel kollox jindirizza l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-Kummissarju intimat. Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni l-istess Kummissarju eccepixxa illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bir-rikors promutur. Illi din l-eccezzjoni hija ormai sorvolata peress li l-Kummissarju intimat ipprezenta r-risposta tieghu fit-terminu u ghalhekk, f'dan il-kaz, m'hemmx lok li tigi applikata s-salvagwardja tal-artikolu 181B tal-Kaptiolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni u cioe` illi r-rikors huwa sprovvist mil-lista tax-xhieda kif rikjest minn artikolu 15 (2) (d) tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta din giet sorvolata fil-mori bil-prezentata tal-lista tax-xhieda permezz ta' Nota datata 4 ta' Frar 2015.

[1] A fol. 37 sa fol. 45
[2] A fol. 46 sa 51
[3] A fol. 56 sa 60 u minn fol. 63 sa fol.65
[4] A fol. 66 sa fol. 70
[5] Dok C a fol. 36D

Illi sorvolati dawn iz-zewg eccezzjonijiet preliminari, it-Tribunal se jghaddi biex jinvesti l-mertu tar-rikors.

Illi l-bazi tar-rifjut tat-tigdid tal-licenzja tar-rikorrent hija bbazata fuq artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali) li jghid is-segwenti:-

*Il-Kummissarju* ***ghandu jirrifjuta***[6] *applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(b)* ***meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza****;"*

Illi mix-xhieda tal-**Ispettur Ramon Mercieca** jirrizulta illi t-tigdid *de quo* gie rifjutat peress li r-rikorrent ghaddej proceduri kriminali rigwardanti assocjazzjoni dwar traffikar ta' droga fis-sena 2010. Jispjega li r-rikorrent kienet inhargitlu licenzja sena qabel huwa applika ghat-tigdid tal-istess. Jghid li l-licenzja originali kienet harget fil-31 ta' Mejju 2013 filwaqt li l-proceduri kriminali bdew fid-29 ta' Novembru 2010. Jispjega li ma nbidlet l-ebda cirkostanza bejn meta inharget il-licenzja l-ewwel darba sa meta saret l-applikazzjoni ghat-tigdid. Jistqarr illi huwa kiseb l-informazzjoni dwar ir-rikorrent minghand l-Ispettur Dennis Theuma.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa kien gie joqghod Malta, flimkien ma' martu, mill-Ungerija. Jispjega li hu kien ilu Malta xi tlett xhur meta gie arrestat u dam hekk arrestat ghal dsatax-il xahar qabel ma nghata l-helsien mill-arrest. Jghid li sussegwentement segwa kors ta' gwardjan privat u applika ghal-licenzja mal-Kummissarju intimat, liema licenzja inghatatlu. Wara beda jahdem bhala gwardjan privat u ghadu hekk jahdem sal-gurnata tal-lum.

**L-Ispettur Dennis Theuma** stqarr illi huwa kien jaf lir-rikorrent wara investigazzjoni li bdiet f'Novembru 2010, wara li certu Attila Somlyai kien inqabad gewwa l-Ajruport ta' Malta igorr xi kapsuli bil-kokaina. L-imsemmi Somlyai iddecieda li jikkopera mal-Pulizija u saret "controlled delivery" fejn gie imbaghad arrestat ir-rikorrent fuq suspett li l-istess kapsuli kienu destinati ghalih. Jirrizulta, pero`, illi l-istess rikorrent m'ghamel l-ebda tip ta' ammissjoni. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, ix-xhud spjega illi r-rikorrent dejjem hares l-istess kundizzjonijiet. Jistqarr illi ghalkemm ghaddew hames snin minn meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-Avukat Generali ghadu ma harigx l-att ta' l-akkuza fil-konfront tar-rikorrent jew, biex ir-rikorrent, alternattivament jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati.

---

[6] Enfasi tat-Tribunal

**<u>L-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi</u>** spjegat illi fil-kaz ta' meta harget il-licenzja originali kien jidher li kollox kien sew wara li saret id-debita ricerka dwar ir-rikorrent, inkluz talba interna ghal informazzjoni dwar l-istess. Tispjega li pero` meta gie biex igedded il-licenzja din ma kinitx iggeddet peress li gew infurmati li kien hemm proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent.

Illi ghalhekk jirrizulta illi fil-kaz prezenti, r-rifjut ghat-tigdid tal-licenzja ta' gwardjan privat hija direttament relatata mal-proceduri kriminali pendenti li hemm fil-konfront tar-rikorrent u li ilhom hekk pendenti ghal dawn l-ahhar hames snin.

Illi t-Tribunal josserva illi meta l-Kummissarju intimat ikollu kaz bhal dak odjern huwa tabilfors irid jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar kif se jzomm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jezercita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi L-awtur Ingliz **HWR Wade** fil-ktieb tieghu "**Administrative Law**" jikkumenta hekk:

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but that he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

L-istess awtur ikompli jikkummenta –

*"…virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires*."

Illi minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu prestati minn Gwardjan Privat[7] huwa logiku u legittimu li fl-ghoti u t-tigdid ta' tali licenzji jigi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li decizjoni moghtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpingi fuq tali konsiderazzjoni u hu necessarju li jkun hemm evalwazzjoni appozita jekk l-applikant hux persuna idonea *o meno* ghal tali posizzjoni mill-awtorità regolatrici koncernata, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi hawnhekk tidhol il-kwistjoni tar-ragonevolezza. Maghha necessarjament tidhol bilfors il-kwistjoni tad-diskrezzjoni li l-ligi taghti lill-awtorita` partikolari biex tasal ghad-decizjoni taghha. B'diskrezzjoni

[7] Ara d-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" f'artikolu 2 tal-Kapitolu 389

wiehed jifhem is-setgha li wiehed jaghzel bejn diversi toroq ta' azzjoni. Illi, pero`, persuna fdata b'din id-diskrezzjoni trid twettaq id-decizjoni taghha b'mod ragonevoli, b'ekwita` u haqq[8] u minghajr abbuz ta' dik l-istess diskrezzjoni.

Illi t-Tribunal josserva illi dan il-kaz huwa differenti minn hafna kazijiet ohra li jigu pprezentati quddiem dan it-Tribunal, ghaliex hawn si tratta ta' **proceduri kriminali pendenti** u mhux proceduri li ghaddew in gudikat. Ghalhekk l-ezercizzju li jrid jaghmel dan it-Tribunal biex isib dak il-bilanc bejn id-dritt tar-rikorrent li tiggedidlu l-licenzja u l-kwistjoni tal-interess pubbliku huwa ezercizzju xi ftit iktar delikat mis-soltu.

Illi r-reat li bih jinsab akkuzat ir-rikorrent huwa bla dubju ta' xejn ta' natura serjissima u l-piena korrispondenti hija definittivament wahda ta' numru ta' snin prigunerija. Jekk jinstab hati tar-reati addebitati lilu certament dan ikun raguni ghala l-Kummissarju intimat huwa fid-dover li ma jgeddidx il-licenzja *de quo*.

Illi, min-naha l-ohra, sakemm il-kaz tieghu jghaddi in gudikat, ir-rikorrent ghandu favur tieghu il-presunzjoni tal-innocenza, principju sagrosant fil-kamp penali. Madankollu, skond il-Kummissarju intimat, il-provi akkwiziti mill-ufficjali tieghu iwassluh sabiex, fl-interess pubbliku, ma japprovax it-tigdid tal-licenzja *de quo*. Illi f'dan il-punt tajjeb li t-Tribunal jirrileva cirkostanza xi ftit jew wisq preokkupanti. Jirrizulta illi r-rikorrent inghata l-ewwel darba l-licenzja ta' gwardjan privat f'Mejju 2013. Dan ifisser li l-Kummissarju intimat, *nonostante* li l-proceduri kienu ilhom pendenti kontra r-rikorrent ghal ta' mill-inqas sentejn u nofs, ma sab l-ebda oggezzjoni li tinhareg tali licenzja. Jirrizulta wkoll illi bejn Mejju 2013 sad-data tal-applikazzjoni tat-tigdid ma nbidlet l-ebda cirkostanza fil-konfront tar-rikorrent. Illi ghalhekk dan it-Tribunal jammetta illi huwa xi ftit perpless kif wiehed jinghata licenzja u sena wara, meta c-cirkostanzi baqghu identici, jiddeciedi li ma jgeddidx l-istess licenzja.

Illi dan it-Tribunal ma jista' bl-ebda mod jaghmel xi referenza ghall-htija o meno tar-rikorrent fil-proceduri kriminali, kemm ghaliex dawn ghadhom pendenti u kif ukoll ghaliex dan mhux kompitu tieghu, pero` jibqa' l-fatt illi sakemm dawk il-proceduri jigu terminati il-Kummissarju intimat ma jistghax jikkundanna lir-rikorrent *a priori*. Il-Kummissarju intimat ghandu rwol dupplici f'dan il-kaz, u cioe` *qua* Prosekutur fil-proceduri penali kontra r-rikorrent u kif ukoll *qua* Regolatur ghal dak li ghandhom x'jaqsmu licenzji ta' gwardjani privati. Illi pero`, dan it-Tribunal ma huwiex tal-

[8] **Masini noe vs Podesta` noe** (Appell Civili 21.4.1961 Kollez. Vol.XLV.i.110)

opinjoni illi r-rikorrent jista' jigi negat lilu d-dritt li tiggeddidlu l-licenzja ta' gwardjan privat pendenti l-proceduri kriminali. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis li l-istess Kummissarju ma sab xejn irregolari meta hareg l-istess licenzja f'Mejju 2013, nonostante li kienu gia` pendenti l-istess proceduri kriminali.

Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjoni tad-difensur tar-rikorrent illi jekk ma tiggeddidlux il-licenzja *de quo* wiehed ikun qed jistieden lir-rikorrent biex jaqla' l-ghixien tieghu b'mod illecitu. Dan qieghed jinghad ghaliex l-istess ma jkunx prekluz milli jahdem xoghol iehor. Pero`, cionoostante, it-Tribunal jirribadixxi illi sakemm persuna tkun prezunta innocenti, ghalkemm fl-opinjoni tal-Kummissarju jkollu bizzejjed provi biex l-istess tigi misjuba hatja, huwa ma jistghax jigi negat it-tigdid tal-licenzja in kwistjoni unikament abbazi tal-fatt li l-istess hemm kontriha proceduri penali pendenti.

Illi fl-eventwalita` li r-rikorrent jigi misjub hati, allura hemm ix-xenarju jkun wiehed kompletament differenti u l-Kummissarju jkollu l-poter kollu li immedjatament jirtiralu l-licenzja in kwistjoni. Pero`, li kieku dan it-Tribunal kellu jiddeciedi mod iehor ikun qieghed serjament ixellef il-principju tal-presunzjoni tal-innocenza kif sancit kemm fil-Kostituzzjoni ta' pajjizna u kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghaldaqstant it-Tribunal iqis lil-Kummissarju intimat ma kienx gustifikat meta irrifjuta li jgedded il-licenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent.

Finalment jigi rilevat illi dan it-Tribunal ma jistghax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex johrog il-licenzja *de quo* stante li l-poteri tieghu huma biss dawk ta' revizjoni. Tali ghemil huwa setgha li l-ligi taghti biss lill-Kummissarju intimat. Sta issa ghall-istess Kummissarju li fid-dawl ta' din is-sentenza jirrevedi l-istess decizjoni.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi, fit-termini enuncjati hawn fuq, jilqa' t-talba tar-Rikorrent u ghaldaqstant jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lir-Rikorrent bl-ittra datata 25 ta' Lulju 2014 u jordna lill-istess Kummissarju sabiex fid-dawl ta' dak kollu osservat f'din is-sentenza jerga' jikkonsidra mill-gdid l-applikazzjoni tar-rikorrent ghat-tigdid ta' licenzja ta' Gwardjan Privat ai termini tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-Kummissarju tal-Pulizija.

___________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**